# IL-FRATELLI FIL-GĦARGĦUR

## minn Bertu Aquilina



Fil-1575 Mons. Dusina kien ħeġġeġ lill-poplu biex iwaqqaf konfraternitajiet jew għaqdiet li l-iskop tagħhom kellu jkun il-formazzjoni spiritwali tal-membri li kienu jwiegħdu li jagħmlu xogħol soċjali u ta' karità.

Dawn il-fratellanzi bdew isiru ferm popolari fis-seklu sbatax u tmintax u bl-istandardi kkuluriti tagħhom kienu jżejnu u jagħtu ħajja lill-purċissjoni tagħna. Għalkemm illum in-numru ta' fratelli naqas iżda il-ftit li baqa' xorta għandhom jipprovdu spettaklu f'kull purċissjoni li toħroġ mill-knisja. Il-fratellanza tkun imqassma hekk:- l-ewwel l-istandard, wara fratell ieħor iġorr is-salib tal-fratellanza b'żewġ lanterni miegħu, waħda fuq kull naħa u wara nett jiġi tas-surġentiera bil-medaljun kbir fuq sidru u jkun hemm min ikollu l-arma tal-fratellanza fuq il-manzetta. Il-manzetta tkun il-kulur tradizzjonali tal-fratellanza bħal ta' l-istandard. Hekk tas-sagrament hu aħmar, tar-Rużarju abjad, ta' San Ġużepp blu, taċ-Ċintura vjola u ta' San Mikiel aħdar.



***L-Artal tal-Madonna tar-Rużarju armat għall-festa ta' San Bartilmew***



***Iż-żewġ Artali:- ta' San Mikiel (xellug) u ta' San Ġużepp (lemin) armati għall-festa ta' San Bartilmew.***
***Fuq il-lemin ta' l-artal ta' San Mikiel jidher l-istandard ta' San Mikiel u fuq ix-xellug l-istandard tas-Sagrament.***

*ikompli f'paġna 51*

Sas-sena 1920 il-konfraternitajiet ta' Malta kollha kienu jiltaqgħu fil-festa ta' San Girgor. Kienu jitilqu mill-irħula u l-ibliet minn filgħodu kmieni biex jinżlu ż-Żejtun.

Meta twaqqfet il-fratellanza fil-Għargħur - l-ewwel fratellanza li twaqqfet kienet dik tas-Sagrament fl-1575 minn Mons. Dusina. Kienet tieħu ħsieb il-festa ta' Corpus u kienet tieħu ħsieb torganizza il-purċissjoni ta' San Girgor u l-pellegrinaġġ għas-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

Fl-1608 twaqqfet il-fratellanza tar-Rużarju. Il-pittura saret fl-1659 iżda ma nafux ta' min hi. Fl-1823 saret l-istatwa minn Mastru Ġanni. Din il-fratellanza u tas-Sagrament kien ilhom sa minn qabel ir-raħal sar parroċċa.

F'dan l-istess seklu fl-1615 twaqqfet il-fratellanza ta' San Girgor, imma ma tantx damet għax spiċċat fl-istess seklu.

Bejn l-1731 u l-1738 twaqqfet il-fratellanza ta' l-Agunija. Il-pittura tal-kurċifissjoni minn Lazzaro Pisani saret fl-1915. Din il-fratellanza ma kelliex standard imma fl-2003 sarlu standard mill-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira u Irxoxt.

Fl-1744 twaqqfet il-fratellanza ta' San Ġużepp. Fl-1850 saret il-pittura minn Ġużeppi Calì għas-somma ta' tletin lira (Lm30). Bejn l-1850 u l-1870 saret l-istatwa minn Carlo Darmanin. Fis-16 ta' Mejju 1774 twaqqfet il-fratellanza ta' San Mikiel. Il-pittura hi ta' Ġużeppi Calì u l-istatwa xogħol ta' Agostino Camilleri li ħadimha f'Għawdex fl-1931.

F'dan ir-raħal tista' tgħid li nqatgħet din it-tradizzjoni Maltija. Nispera li jkun hawn aktar min jitħajjar jidħol bħala fratell ħalli nibqgħu nġeddu dak li bdew missirijietna.
Nixtieqilkom il-festa t-tajba.

Viva San Bartilmew Appostlu!

**Il-Palazz**

**MARBLE AND GRANITE WORKS**
**Prop. Frans Bugeja**

**DURUMBLAD ROAD - MOSTA**
**(L/O TA' QALI)**

**TELEPHONE: 21 437619**
**MOBILE: 9949 3391**